# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 244/10JRM**

**ROCKY & CO LTD. (C – 36820)** u Hany Fathy Gayed Eskander

vs

**KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ** u b'degriet tas-27 ta' Mejju, 2010, ġew kjamati fil-kawża s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern u l-Ufficjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-15 ta' Marzu, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (a) ssib l-għemil tal-Korporazzjoni mħarrka li ma ġġeddidx il-permess biex l-attur Eskander jibqa' jaħdem f'Malta, bħala *ultra vires* billi naqset li tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettieq ta' l-għemil amministrattiv u li l-istess għemil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa li l-Korporazzjoni għandha billi sar għal għanijiet mhux xierqa jew imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti; (b) tordna li, fi żmien qasir u perentorju li l-

Qorti jogħġobha tagħtiha, il-Korporazzjoni mħarrka tirrevedi u tirriforma d-deċiżjoni tagħha billi toħroġ il-permessi meħtieġa favur il-kumpannija attriċi biex tkun tista' tkompli tħaddem lill-attur; u (ċ) ssib li fin-nuqqas li l-Korporazzjoni mħarrka tagħmel dak li l-Qorti tordnalha tagħmel fiż-żmien lilha mogħti, il-Qorti tqis li l-permess ikun inħareġ taħt il-kundizzjonijiet li kienu saru fil-permessi maħruġin qabel. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Marzu, 2010[1], li bih ordnat in-notifika lill-Korporazzjoni mħarrka u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-27 ta' April, 2010, li biha l-Korporazzjoni mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, talbet is-sejħa fil-kawża tal-Ministru responsabbli mill-Imigrazzjoni u dan biex il-ġudizzju jkun sħiħ; u qalet li m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attur billi l-applikazzjoni tressqet mill-kumpannija attriċi. Fil-mertu, tgħid li t-talbiet ma jreġux. Qalet li ħadd mill-atturi m'għandu jedd u lanqas għandhom xi aspettattiva leġittima li tinħarġilhom jew tiġi mġedda liċenzja għax-xogħol. Fil-każ tal-attur Eskander, l-aħħar tiġdid tal-liċenzja kien soġġett għall-fatt li ma kienx ser ikun hemm ebda tiġdid ieħor fil-konfront tal-imħarrek, u dan ġie mgħarraf lill-kumpannija attriċi li kienet hi nnifisha li talbet li t-tġdid ta' qabel kellu jkun l-aħħar wieħed. Żiedet tgħid li l-Qorti ma tistax tisostitwixxi id-diskrezzjoni tal-Korporazzjoni bħala awtorità pubblika u lanqas tista' tistħarreġ is-setgħat tal-Ministru li jagħti liċenzja tax-xogħol lill-persuni li ma humiex ċittadini ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropeja billi tali konċessjoni hija prerogattiva tal-Istat;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2010[2], li bih laqgħet it-talba tal-atturi tal-10 ta' Mejju, 2010[3], w ordnat is-sejħa fil-kawża tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-4 ta' Novembru, 2010, li biha l-imsejħin fil-kawża Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, jgħidu li mhumiex il-kontraditturi leġittimi tal-istess azzjoni għaliex it-talbiet attriċi huma diretti lejn il-Korporazzjoni mħarrka, u l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet ma jaqax fil-mansjoni tagħhom, u li l-Korporazzjoni titħalla taħdem bla xkiel jew indħil min-naħa tagħhom;

---

[1] Paġġ. 12 sa 13 tal-proċess
[2] Paġ. 33 tal-proċess
[3] Paġ. 31 tal-proċess

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu, 2011[4], li biha l-Korporazzjoni mħarrka rtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u rat il-provi dokumentali minnhom imressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Novembru, 2011[5], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala assistent ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-attur;

Rat id-degriet tagħha tas-22 ta' Jannar, 2013[6], li bih ħalliet il-kawża sabiex il-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi tas-26 ta' Frar, 2013[7];

Rat in-Nota tal-Sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni mħarrka tat-2 ta' Mejju, 2013[8], bi tweġiba għal dik attriċi;

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju, 2013[9], li bih l-imsejħin fil-kawża assoċjaw ruħhom man-Nota ta' Sottomissjonijiet mressqa mill-Korporazzjoni mħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi jilmentaw mill-mod kif il-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Korporazzjoni") ma laqgħetx it-talba biex iġġedded il-permess sabiex l-attur Hany Fathy Gayed Esander, jibqa' jaħdem f'Malta mal-kumpannija attriċi. Jixlu lill-Korporazzjoni li għamlet dan arbitrarjament u mingħajr ma tat raġunijiet wara ċ-ċaħda tagħha. Jgħidu wkoll li d-deċiżjoni tagħha li biha ċaħdet it-talba hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew għanijiet mhux xierqa. Jitolbu li d-deċiżjoni tal-Korporazzjoni titqies bħala waħda meqjusa '*ultra vires*', u biex tingħata żmien fiss li fih trid tirrevedi u tirriforma

[4] Paġ. 46 tal-proċess
[5] Paġ. 141 tal-proċess
[6] Paġ. 211 tal-proċess
[7] Paġġ. 214 sa 224 tal-proċess
[8] Paġġ. 229 sa 238 tal-proċess
[9] Paġ. 239 tal-proċess

d-deċiżjoni tagħha billi jinħareġ il-permess meħtieġ favur l-attur. Jitolbu wkoll li f'każ li l-Korporazzjoni tonqos li tagħmel dak mitlub fiż-żmien li tagħtiha l-Qorti, għandu jitqies li l-permess ikun inħareġ taħt l-istess kundizzjonijiet li taħthom kien inħareġ il-permess ta' qabel;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'eċċezzjonijiet preliminari w ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu. Il-Korporazzjoni mħarrka tibda biex tgħid li m'għandha ebda relazzjoni ma Hany Fathy Gayed Esander iżda kull applikazzjoni li tresqet magħha kienet mill-kumpannija attriċi. Tiċħad li l-kumpannija attriċi ma kinetx taf bir-raġunijiet wara d-deċiżjoni ta' rifjut u tgħid li l-atturi m'għandhom ebda aspettattiva leġittima li jingħataw it-tiġdid kif minnhom mitlub. Tgħid li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa tisostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha bħala awtorità pubblika u li l-ebda qorti ma tista' tistħarreġ is-setgħat tal-Ministru li jagħti liċenzja tax-xogħol f'Malta lil persuni li ma humiex ċittadini ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropeja;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imsejħin fil-kawża laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, jgħidu li mhumiex il-kontradittturi leġittimi tal-istess azzjoni għaliex it-talbiet attriċi huma diretti lejn il-Korporazzjoni mħarrka, u l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet ma jaqax fil-mansjoni tagħhom, u li l-Korporazzjoni titħalla taħdem bla xkiel jew indħil min-naħa tagħhom;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li Fathy Gayed Eskander (minn issa 'l hemm imsejjaħ "Eskander"), ta' nazzjonalita Eġizzjana, ġie Malta fl-1999. Għal xi żmien kien impjegat ma' zijuh li wkoll kien joqgħod f'Malta. Fl-2005 Eskander sab impjieg mal-kumpannija attriċi Rocky & Co Ltd (minn issa 'l hemm imsejħa "R&C"). Fil-fatt, f'Awwissu ta' l-istess sena, R&C ressqet talba lill-Korporazzjoni sabiex Eskander jingħata liċenzja biex ikun jista' jaħdem magħha f'Malta. Dik it-talba ntlaqgħet. Il-liċenzja kienet tagħlaq fl-aħħar ta' Novembru, 2006;

Illi jirriżulta li R&C ħallset b'mod regolari it-tnaqqis ta' taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali dovuti lid-Dipartiment tax-Taxxi Interni fuq id-dħul jew paga ta' Eskander bħala impjegat magħha[10]. Jirriżulta wkoll li Eskander għandu kondotta nadifa[11];

Illi bejn is-snin 2006 u 2009, R&C ressqet talbiet oħrajn ta' tiġdid tal-permess lill-Korporazzjoni. Il-Korporazzjoni laqgħet it-talbiet u ġeddet il-liċenzja, bl-aħħar tiġdid ikun dak tat-18 ta' Marzu, 2009, li kien jagħlaq fit-30

[10] Ara Dokti. "NPA" sa "NPC" f'paġġ. 112 sa 139 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "HF44" f'paġ. 185 tal-proċess
[11] Ara Dok. "JMC" f'paġ. 140 tal-proċess

ta' Novembru, 2009. Dakinhar li l-Korporazzjoni ġeddet dik il-liċenza, għarrfet lil R&C li dak kien se jkun l-aħħar tiġdid[12];

Illi kienet il-politika (policy) tal-Gvern ta' dak iż-żmien li persuni mhux ċittadini ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea setgħet tinħarġilhom liċenzja għax-xogħol f'Malta skond il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, iżda liċenzja ma setgħetx tiġġedded aktar minn tliet darbiet, jekk mhux f'każijiet eċċezzjonali[13];

Illi fid-29 ta' Ottubru, 2009[14], xahar qabel ma kellu jagħlaq iż-żmien tal-aħħar tiġdid ta' liċenzja, R&C għarrfet lid-Direttur tal-Emigrazzjoni li Eskander ma kienx għadu jaħdem magħha u ma kienx fi ħsiebha tibqa' tagħmel tajjeb għaż-żamma tiegħu f'Malta. Talbitu wkoll biex ma joħroġx visa lill-attur fuq is-saħħa ta' xi garanzija li R&C kienet tat fl-imgħoddi li kienet se żżommu bħala impjegat magħha. Fuq is-saħħa ta' dan it-tagħrif, il-Korporazzjoni ħassret il-liċenzja minnufih fit-2 ta' Novembru, 2009, hekk kif waslitilha l-ittra ta' R&C[15];

Illi, madankollu, fit-23 ta' Novembru, 2009, R&C għal darb'oħra talbet lill-Korporazzjoni toħroġ liċenzja għax-xogħol favur Eskander, iżda l-applikazzjoni ma ntlaqgħetx[16]. Il-Korporazzjoni bagħtet tgħarraf lil R&C biċ-ċaħda fid-19 ta' Jannar, 2010[17]. R&C talbet lill-Korporazzjoni sabiex terġa' taħsibha. It-talba ta' R&C ma ntlaqgħetx mill-Korporazzjoni għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, ma setax jingħata aktar tiġdid tal-liċenza min-naħa tagħha, kif R&C kienet ġiet mgħarrfa b'korrispondenza ta' qabel; it-tieni, kien hemm nuqqas ta' approvazzjoni tat-talba dwar Eskander min-naħa tal-Uffiċjal Ewlieni dwar l-Immigrazzjoni[18];

Illi fid-9 ta' Frar, 2010[19], il-konsulent legali ta' R&C ilmenta mal-Korporazzjoni dwar ir-rifjut tal-ħruġ tal-liċenzja u talab li l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata mill-ġdid. It-talba ta' R&C għal darb'oħra ġiet miċħuda għall-istess raġunijiet mtennija qabel[20];

Illi fit-23 ta' Frar, 2010[21], formalment l-atturi pprotestaw kontra dan l-aġir mal-Korporazzjoni permezz ta' protest ġudizzjarju;

[12] Ara Dokti. "K2" u "K3" f'paġġ. 25 sa 27 tal-proċess
[13] Dok. "MBG" f'paġġ. 191 sa 193 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Maria Bartolo Galea f'paġġ. 197 u 198 tal-proċess
[14] Dok. "K1" f'paġ. 24 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mark Sultana f'paġ. 152 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Maria Bartolo Galea f'paġġ. 173 sa 174 tal-proċess
[16] Ara Dok. "HF46" f'paġ. 187 tal-proċess. Ara wkoll paġ. 175 tal-proċess
[17] Ara Dok. "A" f'paġ. 6 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Maria Barolo Galea f'paġ. 177 tal-proċess
[18] Dok. "K4" f'paġ. 28 tal-proċess
[19] Dok. "B" f'paġ. 7 tal-proċess
[20] Dok. "K5" f'paġ. 29 tal-proċess
[21] Dok "Ċ", f'paġġ. 8 sa 10 tal-proċess

Illi fil-15 ta' Marzu, 2010, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti trid tqis huma kemm ta' xejra proċedurali u kif ukoll dawk li jolqtu l-mertu vera u proprju tal-azzjoni mnedija mill-atturi;

Illi l-Qorti se tibda billi tqis tal-ewwel. L-**eċċezzjoni proċedurali mqajma mill-imsejħin fil-kawża** hija li l-ilmenti attriċi kellhom jitressqu kontra l-Korporazzjoni u li huma ma kellhomx jitħarrku fil-kawża u li għaldaqstant m'għandhomx jitqiesu bħala kontraditturi leġittimi. Fis-sewwa, l-istess imsejħin ma qajmu l-ebda eċċezzjoni oħra;

Illi dwar din l-eċċezzjoni l-imsejħin fil-kawża ma ressqu ebda sottomissjoni[22];

Illi l-artikolu 181B(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni;

Illi għalkemm il-kawża nfetħet kontra l-Korporazzjoni, din ta' l-aħħar talbet li jissejjaħ fil-kawża il-Ministru responsabbli mill-Imigrazzjoni. Mill-atti jirriżulta li l-materja mertu tal-kawża tolqot b'xi mod jew ieħor il-jedd ta' Eskander li jaħdem f'Malta. Kienet din ir-raġuni ewlenija li wasslet lill-Qorti biex laqgħet it-talba attriċi fid-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2010[23]. Tqis ukoll li mill-provi mressqa, l-imsejħin fil-kawża kellhom sehem fid-deċiżjoni aħħarija li wasslet għar-rifjut mill-Korporazzjoni tat-talba li saret minn R&C biex terġa' tinħareġ liċenza favur Eskander. Joħroġ ukoll li, fiż-żmien rilevanti tal-ġrajja marbuta ma' din il-kawża, l-Korporazzjoni kienet tabilfors marbuta mid-deċiżjoni tal-Ministru sabiex setgħet tagħżel jekk toħroġx liċenza għax-xogħol f'Malta ta' persuna barranija u li mhijiex ċittadina tal-Unjoni Ewropeja[24], bħalma kien Eskander;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma tqisx bħala tajba l-eċċezzjoni mressqa mill-imsejħin fil-kawża, u għaldaqstant sejra tiċħadha;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis **it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-Korporazzjoni** mħarrka li hija ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur Eskander. Hija tistrieħ fuq il-fatt li t-talba għall-ħruġ tal-permess tressqet minn R&C u mhux mill-attur l-ieħor;

[22] Ara l-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Mejju, 2013
[23] Ara paġ. 33 tal-proċess
[24] Art. 11 tal-Kap 217

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi ma ressqu l-ebda sottomissjoni kontra din l-eċċezzjoni[25];

Illi għalkemm din l-eċċezzjoni tressqet biex tattakka l-leġittimazzjoni attiva ta' Eskander, tolqot ukoll xejn anqas il-kwestjoni tal-interess ġuridiku tiegħu f'din il-kawża. Il-Qorti tqis li f'kawża fejn persuna tallega li ġarrbet dannu kif ukoll ksur tal-prinċipji ta' ħaqq naturali fil-konfront tagħha, trid turi li għandha interess ġuridiku biex tiftaħ kawża bħal dik, u l-istess parti mġarrba trid turi li hija tassew "vittma", u dan jikkostitwixxi l-interess ġuridiku tagħha biex tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din;

Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali[26], u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq[27];

Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li jsir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil konfront tagħha[28];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[29], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[30]. Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[31];

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawża nnifisha[32], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawża tinfetaħ, għandu għall anqas jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[33];

---

[25] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi f'paġġ. 214 sa 224 tal-proċess
[26] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[27] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[28] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[29] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manché vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[30] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[31] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[32] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[33] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)

Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalità tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[34]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' tinfetaħ 'il quddiem[35];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[36], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[37];

Illi l-Qorti tqis li fil-każ li għandha quddiemha, il-jedd li Eskander jista' jingħad li għandu biex imexxi 'l quddiem din l-azzjoni jirriżulta mill-fatt li huwa kien il-benefiċċjarju effettiv ta' liċenza maħruġa mill-Korporazzjoni lil R&C biex sata' jaħdem f'Malta. It-twaqqif tal-istess liċenza u n-nuqqas ta' ħruġ mill-ġdid ta' liċenza oħra, laqtu lil Eskander direttament. Lill-Qorti jirriżultalha wkoll li, bit-twaqqif ta' din il-liċenza, huwa spiċċa "vittma" billi seta' jitkeċċa minn Malta minnufih;

Illi fuq is-saħħa ta' dan il-fatt, ħadd ma jista' jgħid li Ekander naqas li juri li tassew għandu interess li jmexxi 'l quddiem il-kawża mibdija minnu. Il-Qorti tippreċiża li dak li ngħad dwar is-siwi ta' din l-eċċezzjoni ma jfissirx li Eskander kellu rabta ġuridika mal-Korporazzjoni f'din l-għamla ta' azzjoni, u aktar 'il quddiem ser jingħad kif u għaliex;

Illi, għalhekk, safejn din l-eċċezzjoni tattakka l-kwestjoni tal-interess ġuridiku ta' Eskander, il-Qorti ma ssibx li hija mistħoqqa u mhijiex sejra tilqagħha. Għall-bqija, il-Qorti sejra tqis is-siwi tal-istess eċċezzjoni hi u tistħarreġ it-talbiet attriċi fil-mertu;

Illi l-Qorti tgħaddi biex tqis i**t-talbiet attriċi** fil-mertu. Dawn jitolbu li l-Qorti tistħarreġ is-siwi tad-deċiżjoni meħuda mill-Korporazzjoni f'Jannar tal-2010 u dan fuq il-kawżali speċifiċi li jsemmu l-atturi. Dawn il-kawżali li fuq is-saħħa tagħhom l-atturi jattakkaw l-imsemmija deċiżjoni huma: (i) in-nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji tal-ħaqq naturali, (ii) in-nuqqas ta' ħarsien ta' ħtiġijiet proċedurali mandatorji, (iii) abbuż tas-setgħa tal-Korporazzjoni billi

---

[34] Ara PA. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Baluči vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257**); u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)

[35] 2 Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)

[36] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)

[37] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)

d-deċiżjoni ttieħdet għal għanijiet mhux xierqa jew għaliex imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti u irraġonevoli;

Illi jkun xieraq li, ma' dan l-istħarriġ, il-Qorti tqis ukoll **it-tielet eċċezzjoni** tal-Korporazzjoni, marbuta man-nuqqas ta' aspettattiva leġittima li l-atturi għandhom fuq il-ħruġ jew it-tiġdid ta' liċenza tax-xogħol mill-Korporazzjoni. Il-Korporazzjoni targumenta li R&C kienet taf, sa minn dakinhar li nħarġet l-aħħar liċenza mġedda xhur qabel, li l-liċenzja tax-xogħol favur Eskander ma kinetx sejra tiġġedded aktar. Tali tagħrif kien tniżżel bħala kundizzjoni fl-aħħar tiġdid li R&C ngħatalha mill-Korporazzjoni;

Illi, min-naħa l-oħra, l-atturi jserrħu l-azzjoni tagħhom fuq il-fatt li sa minn meta ntalbet il-liċenza l-ewwel darba biex Eskander sata' jaħdem f'Malta u kull darba li ntalab it-tiġdid tagħha t-talba dejjem intlaqgħet. Iżidu jgħidu li t-tiġdid sar ukoll minkejja li, fit-tiġdid ta' qabel, ikun ingħad li l-liċenza ma kenitx ser tiġġedded aktar. Iżidu juru li Eskander dejjem ġab ruħu b'mod eżemplari kemm dam f'pajjiżna, ħallas sehemu mit-taxxi mid-dħul tiegħu u ma ħabat difrejh qatt mal-awtoritajiet f'Malta. Minħabba f'hekk, jgħidu li l-Korporazzjoni ma kellhiex għaliex ma ġġeddidlux il-liċenzja; illi ma ngħatat l-ebda raġuni għaċ-ċaħda għall-ħruġ ta' liċenza u li ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni biex it-talba ma tintlaqax; u li lil ħadd minnhom ma ngħata smigħ xieraq qabel ma l-Korporazzjoni waslet għad-deċiżjoni tagħha;

Illi l-qrati tagħna qiesu li aspettattiva leġittima toħroġ minn sitwazzjoni legali, jiġifieri kemm-il darba jkun ippruvat li l-ħaġa li ġiet imċaħħda minnha l-parti kellha jedd għaliha[38]. Fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv, dan il-kunċett jidħol fil-qalba tal-ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali, u għaldaqstant jintrabat mal-proċess amministrattiv li jsir (jew jonqos li jsir) sa ma tittieħed deċiżjoni amministrattiva. Jidħol ukoll f'dik li bnadi oħra tissejjaħ "iċ-ċertezza tad-dritt" meta wieħed jiġi biex ikejjel ix-xiber li bih xi deċiżjoni tkun ittieħdet f'kull każ li jixbhu. Mela, fil-qies magħmul minn qorti fi stħarriġ ta' deċiżjoni bħal dik, il-kwestjoni tal-aspettattiva leġittima taf ikollha siwi ewlieni;

Illi f'dan ir-rigward inkiteb li "*Where some boon or benefit has been promised by an official (or has been regularly granted by the official in similar circumstances), that boon or benefit may be legitimately expected by those who have placed their trust in the promises of the official. It would be unfair to dash those expectations without at least granting the persons affected an opportunity to show the official why his discretion should be exercised in a way that fulfils his expectation. Hence there has developed a doctrine of the*

[38] Ara per eżempju P.A. (Kost) MCH **28.11.2016**, fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Zerafa et vs Emanuel Ċilia et*** (riformata mill-Q. Kost **2.3.2018**) u App. Ċiv. **27.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Debono Ltd et vs MEPA et***

*protection of legitimate expectations primarily in the context of natural justice. .. .. The doctrine is a welcome addition to the armoury of the courts in ensuring that discretions are exercised fairly. .. .. The phrase 'legitimate expectations' .. must not be allowed to collapse into an inchoate justification for judicial intervention*"[39] ;

Illi ingħad ukoll li "*a further and more satisfactory reason for the protection of legitimate expectations lies in the trust that has been reposed by the citizen in what he has been told or led to believe by the official. Good government depends upon trust between the governed and the governor. Unless that trust is sustained and protected, officials will not be believed and government becomes a choice between chaos and coercion*"[40]. Dan il-kliem meqjus u għaqli jitfa' fil-qafas xieraq il-pretensjonijiet tal-atturi f'dan il-każ;

Illi biex aspettattiva tkun waħda leġittima jeħtieġ li jintwera li jkollha kwalitajiet partikolari li jintitolawha tgawdi mill-ħarsien tal-Qorti. Kwalità ewlenija li jrid ikollha hi li trid tkun ċara, inekwivoka u nieqsa mill-ambigwità. Trid ukoll li tkun imsejsa fuq wegħda jew prattika ta' awtorità pubblika li tista' twettaqha hi u mhux ħaddieħor. Kull aspettattiva, biex tkun leġittima, ma tridx tkun kontra xi kliem jew dispożizzjoni ta' xi liġi fis-seħħ. Aspettattiva li titnissel minn tħaddim ta' politika ('*policy*') amministrattiva partikolari, tibqa' tiswa sakemm ma titħabbarx kif imiss politika oħra minflokha li tibdilha jew tħassarha. L-aspettattiva leġittima taf titnissel minn bosta għejjun u m'għandux jitħalla li tiċċaħħad minħabba tifsir artifiċjali ta' dawk l-għejjun. Biex aspettattiva tkun leġittima, u minħabba li tissejjes fuq il-fiduċja taċ-ċittadin fit-treġija pubblika, min-naħa tiegħu ċ-ċittadin li jippretendi favurih dik l-aspettattiva jrid iġib ruħu b'ħaqq mal-istess awtorità u ma jżomm xejn mistur minnha. Iżda aspettattiva ma tistax tkun 'leġittima' jekk it-twettiq tagħha jitlob li min jieħu d-deċiżjoni jagħmel dan bi ksur tal-liġi;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li R&C kellha favur tagħha liċenza mġedda biex l-attur Eskander seta' jaħdem magħha f'Malta sat-30 ta' Novembru, 2009. Fl-aħħar tiġdida, il-Korporazzjoni mħarrka kienet għarrfet lil R&C li dik kellha tkun l-aħħar tiġdida. Huwa minnu wkoll li l-istess kundizzjoni kienet tniżżlet fit-tiġdida ta' qabel. Għalhekk, wieħed ma jlumx lil R&C li setgħet taħseb li, f'każ li ssir talba oħra għal tiġdid, din kienet se tingħata;

Illi, madankollu, f'dan il-każ seħħew żewġ ċirkostanzi partikolari li jaqilbu ta' taħt fuq it-tħaddim tal-imsemmija aspettattiva favur R&C. L-ewwel

---

[39] HWR Wade & CF Forsyth Administrative Law (11th Edit, 2014) pġ. 450
[40] *Ibid.* pġ. 451

ċirkostanza hi l-ħruġ f'Ottubru tal-2009[41] ta' bidla fil-politika tal-Gvern dwar it-talba u l-għoti ta' permessi biex barranin ta' "pajjiżi terzi" jitħallew jaħdmu f'Malta. Dik il-bidla xxandret bis-saħħa ta' stqarrija pubblika maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni. Minnha joħroġ ċar li l-politika ta' qabel inbidlet u ma baqgħetx fis-seħħ u li t-tiġdid ta' liċenza biex barrani ta' "pajjiż terz" jaħdem f'Malta ma setgħetx tiġġedded għal aktar minn tliet (3) darbiet. Sa dak iż-żmien, il-liċenza maħruġa lil R&C biex tħaddem lil Eskander kienet diġà ġġeddet erba' (4) darbiet u għalhekk, minn qari tal-imsemmija stqarrija pubblika, R&C (u kull min kien fil-qagħda tagħha) kien imwissi x'kellu jistenna. Ma hemmx dubju li dik l-istqarrija kienet bidlet il-politika ta' qabel w illimitatha;

Illi t-tieni ċirkostanza ġejja minn R&C nnifisha. Bl-ittra li hija bagħtet lill-Korporazzjoni fid-29 ta' Ottubru, 2009 (jiġifieri disat ijiem wara l-ħruġ tal-imsemmija stqarrija pubblika), R&C ġabet fit-tmiem dak il-jedd, għaliex il-ħruġ jew tiġdid tal-liċenza kien jiddependi mill-fatt li Eskander kien impjegat magħha. Hekk kif R&C għarrfet lill-Korporazzjoni li Eskander ma baqax impjegat magħha, il-Korporazzjoni temmet il-liċenza li kienet se tiskadi fit-30 ta' Novembru, 2009. Dan kien effett naturali u loġiku għaliex liċenza bħal dik kienet tgħodd sakemm il-benefiċjarju jkun impjegat ma' min jitlobha. Minn dak il-ħin li l-Korporazzjoni ħassret il-liċenza – dan seħħ fit-2 ta' Novembru, 2009 – wieħed ma setax jitkellem aktar dwar tiġdid ta' liċenza;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tielet eċċezzjoni tal-Korporazzjoni hija tajba għaliex, fiż-żmien li ttieħdet id-deċiżjoni mertu ta' din il-kawża, R&C ma kellha l-ebda aspettattiva leġittima li tistenna li l-liċenza favur Eskander kienet sejra jew messha tkun imġedda għal darb'oħra;

Illi l-kwestjoni li tqum dwar il-bqija tat-talbiet attriċi ddur mal-mistoqsija dwar jekk il-Korporazzjoni mxietx sewwa mal-atturi. Il-Qorti se tistħarreġ din il-kwestjoni fir-rigward ta' kull wieħed miż-żewġ atturi għal rashom għaliex il-qagħda legali tagħhom mhijiex l-istess;

Illi <u>dwar jekk il-Korporazzjoni mxietx sewwa ma' R&C</u> jibda biex jingħad li l-Korporazzjoni mxiet fuq it-tagħrif li tatha R&C nnifisha. Ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex, meta waslitilha l-ittra ta' R&C, il-Korporazzjoni kellu jgħaddilha minn moħħha li dik l-ittra ma kinitx qiegħda tgħid is-sewwa, jew li kellha tibgħat titlob laqgħa ma' rappreżentant ta' R&C biex jikkonfermalha s-siwi ta' dak li ngħad fl-ittra. Matul is-smigħ tal-kawża, ir-rappreżentant ta' R&C qal li l-ittra ntbagħtet bi żball u b'malintiż, imma ma

[41] Ara Dok "MBG", f'paġġ. 191 – 3 tal-proċess

ċaħadx li bagħatha. Għall-kuntrarju, meta xehed biex ifisser x'wasslu biex jibgħat dik l-ittra, stqarr li Eskander dak iż-żmien lanqas kien jinsab f'Malta u lanqas kien jaf huwiex ġej lura Malta[42]. Dawn waħedhom huma żewġ ċirkostanzi li setgħu jwasslu għat-tħassir tal-liċenza u l-Korporazzjoni kienet tkun ħatja li qiegħda tikser il-kundizzjonijiet tal-liċenzi maħruġin minnha li kieku ma ħadet l-ebda pass biex tħassar il-liċenza fuq tagħrif bħal dak;

Illi għal dak li jirrigwarda ċ-ċaħda tat-talba mressqa minn R&C f'Novembru tal-2009 biex il-Korporazzjoni ġġedded il-liċenza favur Eskander, il-Qorti ssibha bi kbira biex temmen lir-rappreżentant ta' R&C meta jixhed li "ovvjament jien kont insejt li bgħatt dik l-ittra lill-ETC"[43] meta t-talba lill-Korporazzjoni saret imqar erba' (4) ġimgħat wara li ntbagħtet l-ittra l-oħra. F'kull każ, minħabba l-effetti li ġabet magħha l-ewwel ittra – jiġifieri t-tħassir tal-liċenza – it-tieni ittra ma setgħetx terġa' tgħajjex mill-ġdid dak li kien intemm. Għalhekk, il-Korporazzjoni tgħid sewwa li, bit-tieni ittra, R&C kien jeħtiġilha tressaq talba għall-ħruġ ta' liċenza ġdida u mhux liċenza mġedda;

Illi għall-finijiet tal-kawżali l-oħrajn li fuqhom R&C issejjes il-każ tagħha, din il-Qorti ssib li ma huwiex minnu li l-Korporazzjoni naqset li ssemmi x'kienu r-raġunijiet li minħabba fihom ċaħdet it-talba ta' R&C għall-ħruġ ta' liċenza oħra favur Eskander. Il-Korporazzjoni tat bla ħela ta' żmien tweġiba bir-raġunijiet kemm lil R&C[44] u kemm lill-avukat tagħha[45]. R&C ssemmi wkoll nuqqas ta' tħaris ta' ħtiġijiet proċedurali mandatorji min-naħa tal-Korporazzjoni, imma ma fissret xejn x'setgħu kienu dawn in-nuqqasijiet. Minn eżami b'reqqa tal-atti, il-Qorti ssib li l-Korporazzjoni mxiet kif kien mistenni minnha u bi tħaddim tal-liġi u tal-politika li taħthom kienet mistennija tmexxi din il-kwestjoni;

Illi R&C tgħid ukoll li l-Korporazzjoni mxiet b'għanijiet mhux xierqa u sejset id-deċiżjoni attakkata fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Hija tqis li t-tħassir tal-liċenza ma kellu jsir qatt għaliex it-talba biex tiġġedded kienet intbagħtet qabel ma għalaq iż-żmien li l-liċenza kellha tagħlaq. Għalhekk, tgħid li ċ-ċaħda tat-talba saret għal raġuni mhux xierqa (billi Eskander kien għadu meħtieġ bħala impjegat ta' R&C) u kif ukoll fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti (għaliex il-Pulizija ma kellhomx jindaħlu f'dak li kellu jkun tiġdid ta' rutina ta' liċenza eżistenti);

Illi l-Korporazzjoni twarrab dawn is-sottomissjonijiet u tisħaq li l-insistenza ta' R&C li t-talba tagħha kienet għat-tiġdid tal-liċenza hija xhieda ta' min irid iwebbes rasu u ma jarax is-sewwa magħruf. Hija tgħid li, hekk kif

[42] Affidavit ta' Ibrahim Gad Alla Rizk f'paġ. 155 tal-proċess
[43] *Ibid.*
[44] Dok "K4", f'paġ. 28 tal-proċess
[45] Dok "K5", f'paġ. 29 tal-proċess

waslitilha t-tieni ittra ta' R&C, ġimgħat wara li kienet tħassret il-liċenza ta' Eskander, nediet bla ħela ta' żmien il-proċess tat-talba bil-ħarsien tar-regolamenti li jgħoddu għal applikazzjonijiet ġodda. Kien għalhekk li dik it-talba kienet intbagħtet għall-approvazzjoni tat-taqsimiet tal-awtoritajiet rilevanti (Pulizija u Saħħa Pubblika) għall-approvazzjoni tagħhom. L-approvazzjoni ta' dawk l-awtoritajiet kienet meħtieġa biex setgħet tinħareġ il-liċenza mitluba. Ladarba waħda minn dawk l-awtoritajiet – it-taqsima tal-Immigrazzjoni – kellha oġġezzjoni, il-liċenza ma setgħetx toħroġ;

Illi l-Qorti jidhrilha li l-pretensjoni ta' R&C f'dan ir-rigward tissejjes fuq nuqqas fundamentali. L-ilment tal-atturi jirrigwarda r-rifjut jew iċ-ċaħda tat-talba. Dik iċ-ċaħda saret f'ittra li l-Korporazzjoni bagħtet fid-9 ta' Frar, 2010. Għar-raġunijiet li ssemmew qabel, meta saret it-talba minn R&C, il-liċenza kienet tħassret. Dan huwa fatt li R&C ma tistax taħrab minnu. Għalhekk, biex Eskander seta' jkun liċenzjat biex jaħdem ma' R&C riedet issir talba ġdida. Ladarba huwa hekk, il-Korporazzjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li tmexxi t-talba bħala talba għall-ħruġ ta' liċenza ġdida u tgħaddiha mill-għarbiel kollu ta' skrutinju amministrattiv li talbiet bħalha kellhom jgħaddu. Kienet taqa' fis-setgħat tal-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni li jqis jekk Eskander kienx jinsab f'Malta skond il-liġi jew le. R&C ma tlumx id-deċiżjoni tal-Uffiċjal imsemmi, imma tgħid li ma messux iddaħħal fl-istorja. Il-fatti juru mod ieħor. Mill-bqija, R&C naqset li turi li l-Korporazzjoni mxiet b'mod abbużiv fejn jirrigwarda l-mod kif qieset it-talba tagħha;

Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ilmenti ta' R&C ma jirriżultawx mistħoqqa safejn diretti kontra l-Korporazzjoni;

Illi <u>dwar jekk il-Korporazzjoni mxietx sewwa ma' Eskander</u> għandu jingħad li l-akbar ilment tal-atturi huwa li l-Korporazzjoni ma setgħetx tħassar il-liċenza qabel ma tikkonsulta mal-benefiċjarju Eskander. L-atturi jgħidu li, kieku l-Korporazzjoni ndenjat tibgħat għalihom, kien jirriżulta li l-ewwel ittra ntbagħtet bi żball u li t-talba li kellha tiddeċiedi dwarha kellha tkun għat-tiġdid tal-liċenza u mhux għall-ħruġ ta' liċenza ġdida;

Illi l-Korporazzjoni tilqa' bil-qawwi għal din ix-xilja. Hija tgħid li fit-twettiq tas-setgħat tagħha hija tqis biss talbiet mill-persuni (fiżiċi u ġuridiċi) li f'isimhom iressqulha talbiet għall-approvazzjoni tagħha. Tgħid li f'dan il-każ, hija kienet taf biss lil R&S għaliex kienet din il-kumpannija li riedet tħaddem magħha lil Eskander. Minbarra dan, kull korrispondenza dwar il-każ għaddiet bejnha u R&S u Eskander f'din il-ħaġa ma daħal qatt;

Illi fil-fehma tal-Qorti, minkejja li Eskander kien il-benefiċjarju ta' liċenza għax-xogħol f'Malta, kienet R&S li kellha l-jedd titlob il-ħruġ jew it-tiġdid tagħha. F'dan ir-rigward, tqis ta' siwi kbir u tifsir ċar dak li xehdet ir-rappreżentanti tal-istess Korporazzjoni meta tressqet biex tfisser x'inhi l-qagħda tal-ħruġ u ż-żamma ta' liċenzi bħal dawn. Dik ix-xhud qalet hekk: " *aħna l-applikazzjoni ssir minn għand l-employer; għax apprezza li employment licence toħroġ to according a labour market need; allura l-employer irid jagħmel l-applikazzjoni*"[46]. Aktar 'il quddiem qalet: "*Is-Sur Eskander ma jistax jagħmel applikazzjoni hu. Ma seta' qatt għamnilha applikazzjoni hu. .. .. Għax inti applikazzjoni ssir minn min ser iħaddem. Is-sitwazzjoni ta' Malta f'dan il-kuntest huwa 'demand led' jiġifieri l-ħruġ ta' liċenza toħroġ jekk hemm bżonn ta' persuna biex tagħmel ix-xogħol u mhux 'supply led' jiġifieri mhux l-individwu barrani japplika biex jaħdem Malta u mbagħad jista' jfittex ix-xogħol. Imma huwa l-employer li jrid jagħmel applikazzjoni mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ għax ikollu bżonn partikolari u jrid jargumenta għal dak il-bżonn*"[47];

Illi din il-kunsiderazzjoni terġa' tqajjem it-tielet eċċezzjoni tal-Korporazzjoni. Fil-qafas strett tal-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju u sewwasew għall-kawżali magħżula mill-atturi, il-Korporazzjoni kienet mistennija twettaq is-setgħat amministrattivi tagħha b'mod xieraq lejn R&C. Ma jidhirx li l-Korporazzjoni kellha s-setgħa tibdel lil R&C ma' Eskander jew iddaħħlu wkoll f'aspett tal-kwestjoni li, fl-ebda qagħda oħra, ma kien intitolat iressaq quddiemha talba minn rajh. Il-Qorti ma seħħilha ssib l-ebda dispożizzjoni tal-liġi u lanqas l-iċken prova oħra fl-atti li l-Korporazzjoni kienet meħtieġa jew mistennija li, qabel ma tagħti jew tħassar liċenza, li tikkonsulta mal-persuna li dwarha toħroġ liċenza bħal dik. Tqis ukoll li qagħda bħal din tista' sservi ta' okkażjoni għal sfruttament jew abbuż min-naħa ta' min iħaddem lejn dawk li bis-saħħa tiegħu jiksbu liċenza biex jaħdmu. Iżda, din il-kunsiderazzjoni ma ġġibx lill-Korporazzjoni ħatja li tkun imxiet amministrattivament ħażin jekk ma tfittixx ukoll lill-parti l-milquta. Ladarba l-ħruġ ta' liċenza kien dipendenti fuq applikazzjoni ta' min iħaddem u ladarba l-prinċipal nnifsu għarrafha li l-impjegat tiegħu m'għadux jaħdem miegħu, ma tara xejn ħażin fl-aġir tal-Korporazzjoni li ġab fit-tmien il-liċenza. Biex ikun ingħad kollox, meta R&C bagħtet tgħarraf lill-Korporazzjoni li Eskander ma kienx għadu jaħdem magħha, il-Korporazzjoni lanqas kienet f'qagħda li tibgħat għalih, ukoll kieku xtaqet tieħu l-fehma tiegħu qabel tħassar il-liċenza, għaliex mill-provi ħareġ li dak iż-żmien Eskander lanqas kien qiegħed f'Malta;

Illi ladarba l-liċenzja tħassret, ma kien hemm l-ebda rabta oħra bejn il-Korporazzjoni u Eskander u dak li ġara wara meta R&C reġa' bdielha ma

[46] Xhieda ta' Maria Bartolo Galea f'paġ. 176 tal-proċess
[47] *Ibid.* f'paġ. 195 tal-proċess

setax ikun ta' għajnuna għalih daqskemm ma setax ikun ta' fejda għall-istess R&C;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma li l-atturi ma seħħilhomx juru li l-għemil amministrattiv li minnu jilmentaw seħħ bi ksur tal-liġi jew ta' xi jedd li seta' kellhom. Għalhekk, il-Qorti ssib li l-**ewwel talba attriċi** mhijiex mistħoqqa u mhux ser tintlaqa';

Illi għall-istess raġuni, ma huwiex il-każ li l-Qorti tistħarreġ it-talbiet attriċi l-oħrajn, għaliex dawn jinstiltu kollha mill-ewwel talba u mid-deċiżjoni li tintlaħaq dwarha. Ladarba l-Qorti sejra tiċħad l-ewwel talba, ma huwiex il-każ li tqis l-oħrajn ukoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Korporazzjoni mħarrka ladarba rtiratha;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn** tal-istess Korporazzjoni u tal-imsejħin fil-kawża, għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li l-Korporazzjoni mħarrka ma mxietx bi ksur tal-liġi jew lil hinn mis-setgħat tagħha mal-ebda wieħed mill-attturi;

**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** għaliex huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Ġunju, 2020**